# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 3 ta’ Dicembru, 2001**

**Appell Nru. 100/01**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Azzopardi talli, fid-19 ta’ Settembru, 1995 ghall-habta tal-11.45 pm, f’Tas-Sliema, (**1**) saq il-vettura numru T-6863 b’giri aktar milli jmissu, (**2**) b’manjiera perikoluza, (**3**) b’manjiera traskurata u (**4**) bla kont, kif ukoll talli (**5**) qal kliem oxxenn fil-pubbliku u (**6**) naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija waqt il-qadi ta’ dmirijiethom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta’ Mejju, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Charles Azzopardi mhux hati skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u s-sitt imputazzjoni, u ghalhekk illiberatu minn dawn l-imputazzjonijiet, izda sabitu hati skond il-hames imputazzjoni u kkundannatu ammenda ta’ ghoxrin lira (Lm20); dik il-qorti ordnatlu wkoll ihallas nofs l-ispejjez in konnessjoni mal-konferma ta’ esperti fil-proceduri quddiemha, u dan skond l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-22 ta’ Mejju, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellat Charles Azzopardi issolleva, permezz tar-risposta tieghu tat-22 ta’ Gunju, 2001, zewg eccezzjonijiet preliminari, u cioe` l-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali minhabba li, skond hu, kienu ddekorrew

l-erbat ijiem tax-xoghol ghall-prezentata tan-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija skond l-Artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali; inoltre huwa eccepixxa wkoll in-nullita` ta' l-appell "minhabba li ma sarx minn xi punti ta' ligi izda minn punti ta' fatt, f'liema kaz ma hemm ebda appell mill-Avukat Generali". Logikament l-ewwel li ser jigu decizi huma dawn iz-zewg pregudizzjali, u fl-ordni li nghataw.

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni din il-Qorti tosserva illi s-sentenza appellata nghatat nhar it-**Tlieta, 8 ta' Mejju, 2001**. Skond l-Artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali, in-nota ta' appell tal-Kummissarju tal-Pulizija ghandha tigi presentata mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza. Il-"jiem tax-xoghol" huma dawk il-granet (i) li ma humiex btajjel pubblici skond l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubblici Ohra (Kap. 252), u (ii), b'disposizzjoni specjali tal-Kodici Kriminali – l-Artikolu 696 – is-Sibtijiet huma wkoll mhux meqjusa bhala "jiem tax-xoghol". Il-granet l-ohra kollha, indipendentement minn jekk ir-registru tal-qorti jiftahx jew le, huma meqjusa bhala "jiem tax-xoghol" (ara ***Il-Pulizija v. Mario P. Vella***, App. Krim., 30/7/1992). L-appellant Avukat Generali jikkontendi li l-jum tad-9 ta' Mejju, 2001 – meta Malta kienet qed ticcelebra flimkien mal-Q.T. il-Papa fuq il-Fosos tal-Furjana il-beatifikazzjoni ta' tlett Maltin – ma ghandux jigi komputat ghall-finijiet tal-erbat ijiem imsemmija fl-Artikolu 414(1) peress illi, b'disposizzjoni specjali (ir-regolament 4) fir-Regolamenti dwar il-Granet u l-Hinijiet tax-Xoghol tal-Ftuh u l-Gheluq tar-Registru tal-Qrati (A.L. 59/1996), gie provvdut li r-registri tal-qrati ma kellhomx jinfethu ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji f'dik il-gurnata, cioe` fid-9 ta' Mejju, 2001. B'din id-disposizzjoni, izda, il-jum tad-9 ta' Mejju, 2001 <u>ma giex dikjarat btala pubblika</u>; biex dana l-jum jigi hekk dikjarat kellu jkun hemm avviz jew ordni fil-Gazzetta tal-Gvern maghmul skond is-subartikoli (2) jew (3) tal-Artikolu 5 tal-Kap. 252. Tali avviz jew ordni ma nharigx; konsegwentement il-jum tad-9 ta' Mejju, 2001 hu, bhall-jiem ta' l-Erbgha u l-Hamis qabel il-Gimgha l-Kbira, jum ta' xoghol minkejja li f'dawn il-jiem, salv il-proviso tal-Artikolu 109(2) tal-Kap. 12, ir-registri tal-qorti ma jinfethux ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji. Naturalment, <u>jekk l-ahhar jum</u> ta' xi terminu legali jew gudizzjarju jinserta jkun jum li fih ir-registru ma jiftahx, allura t-terminu jitqies li jiskadi fil-jum li jigi minnufih wara u li ma jkunx jum li fih ir-registru jkun maghluq (ara l-Artikolu 108 tal-Kap. 12, rez applikabbli ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali bl-Artkolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali).

Galadarba l-jum tad-9 ta' Mejju, 2001 <u>kien jum ta' xoghol ghall-finijiet u effetti kollha tal-kalkolu tal-jiem</u>, isegwi li n-nota ta' appell tal-Kummissarju tal-Pulizija kellha tigi presentata mhux aktar tard minn nhar it-**Tnejn, 14 ta' Mejju, 2001**. Din in-nota, izda, giet prezentata fil-**15 ta' Mejju, 2001**, kif jirrisulta kemm mit-timbru fuq l-att in kwistjoni kif ukoll minn pagna tnejn tar-rikors ta' appell fejn l-appellant jiddikjara li "…b'nota tal-15 ta' Mejju, 2001, il-Kummissarju tal-Pulizija gharraf li kien bi hsiebu jappella minn dik is-sentenza". Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija msemmija fl-Artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali hija parti integrali mill-process, kundizzjoni *sine qua non* ghall-ezercizzju tad-dritt ta' appell da parti ta' l-Avukat Generali, u jekk din in-nota tigi prezentata *fuori termine* l-appell ta' l-Avukat Generali jkun ukoll null (ara, *inter*

*alia* u *passim*, ***Il-Pulizija v. Charles Micallef*** App. Krim. 10/12/1990, u ***Il-Pulizija v. Elizabeth sive Alice Piscopo*** App. Krim. 10/12/1996).

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-appellat Azzopardi, u konsegwentement tiddikjara l-appell interpost mill-Avukat Generali irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Aldo Testone

Dep.Registratur